**KUNSILL LOKALI**
**SANTA VENERA**

**SANTA VENERA**
**LOCAL COUNCIL**

**40/19**

**L-Erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-18 ta' Mejju, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Rendikont Finanzjarju: Quarterly Report Jannar – Marzu 2015
   (b) Management Letter - Approvazzjoni
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

## 2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 37/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Il-Minuti 38/19 ttieħdu bħala moqrija

2.3 Il-Minuti 39/19 ttieħdu bħala moqrija

2.4 **Korrezzjoni tal-Minuti**

**2.4.1** **Minuti 37/19**

2.4.1.1 **Minuta 3.3** - titneħħa l-kelma "awtoriżżazjoni'" u issir "awtoriżżazjoni".

2.4.1.2 **Minuta 3.4** - titneħħa l-kelma "MERP'" u issir "MELP".

2.4.1.3 **Minuta 5(b)** - titneħħa l-frażi "uffiċċjala mas-Central Bank" u issir "uffiċċjali tal-Bank Ċentrali".

2.4.3.4 **Minuta 5(b)** - titneħħa l-frażi "din il-mozzjoni" u ssir "dak in-nhar".

2.4.3.5 **Minuta 9.4.1** – Issir minuta 9.4 u kien hemm qbil sabiex tiżdied il-frażi "u kien hemm qbil biex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.

**2.4.2** **Minuti 38/19**

2.4.2.1 **Minuta 1** – titneħħa l-kelma "għaldqastant" u ssir "għaldaqstant".

2.4.2.2 **Minuta 1** – tiżdied il-frażi "wara l-ħin tax-xogħol" wara l-kelma "residenti".

2.4.2.3 **Minuta 1** – titneħħa l-frażi "bil-ħin ġiet sospiża" u ssir "bil-ħin residenzjali ġiet sospiża"

**2.4.3** **Minuti 39/19** – ma kien hemm l-ebda korrezzjoni f'dawn il-minuti.

2.5 Il-Minuti tal-laqgħat 37/19, 38/19 u 39/19 ġew approvati unanimament.

F'dan il-ħin waslet l-aħbar tal-mewt tas-Sur Justin Saliba u s-Sindku talab sabiex isir minuta silenzju.

F'dan l-istadju (6.50pm) ~~is-Sindku~~ is-Sur Silvio Vella talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 ta' l-Agenda.

Il-Membri qablu unanimament

**7.** **Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a) Rendikont finanzjarju Jan-Mar 2015**

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn Jannar u Marzu 2015.

future

Ġie nnutat li ċerti Financial Committments ma kienux imniżżlin u għaldaqstant kien hemm qbil sabiex dan jiġi rivedut.

Il-Membri qablu unanimament u r-rapport ġie approvat kif koreġut.

**(b) Management Letter**

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rapport li l-awdituri għamlu għas-sena 2014.

Is-Segretarju u s-Sur Farrugia spjegaw lill-membri tal-kunsill ir-risposti li l-kunsill ser jibgħat bħala tweġibiet għar-rapport li għamlu l-awdituri.

Il-Membri qablu unanimament kemm mar-rapport u mat-tweġibiet tal-istess rapport.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-laqgħa 37/19**

3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva tlett (3) applikazzjonijiet għall-Kumitat taż-Żgħażagħ. Dawn kienu Gianluca Falzon, Clive Mallia u Miguel Cauchi. Is-Sindku spjega li jrid jingħażel xi ħadd minn dawn iż-żgħażagħ sabiex ikun l-Ambaxxatur Żgħażugħ. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona lis-Sur Gianluca Falzon.

Is-Sur Anastasi ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.2 Minuta 3.2 – Is-Sur Jason Mangani ppreżenta rapport tat-twinning li sar ġewwa Lousa fil-Portugal.

3.3 Minuta 3.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li kuntrattur privat ħarat ir-*roundabout* ta' Triq il-Ferrovija ħdejn l-isptar San Filippu minħabba l-istat li kienet tinsab fiha għaliex l-ELC fuq ordni tal-MELP ma baqgħux jindukrawha. Ġie nnutat ukoll li anke s-soft areas li hemm fl-stess triq ġew abbandunati.

3.4 Minuta 3.5 - Is-Sindku nforma u spjega l-modifikazzjonijiet li saru lill-membri dwar il-pjanta tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar.

Il-membri qablu unanimament mal-modifikazzjonijiet li saru u għaldaqstant kien hemm qbil sabiex nipproċedu għall-permessi.

3.5 Minuta 3.6 – Is-Sindku nforma lill-membri li ser issir il-laqgħa mal-*Animal Guardian* Malta. Apparti minn hekk is-Sindku qal li ser jitlob sabiex issir laqgħa mal-Kummissarju tal-annimali.

3.6 Minuta 5 (a) – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar l-iskema tal-Proġetti ta' restawr ser issir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex tiġi preparata l-formola li ser tagħlaq fit-30 ta' Ġunju, 2015.

Il-Membri qablu unanimament.

3.7 Minuta 5b – Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-attivita' kulturali fl-għeluq mill-400 sena tal-Akkwadott li saret laqgħa uffiċjali mal-Bank Ċentrali fejn dawn ser jagħtu l-għajnuna tagħhom billi ser jiprovdulna leaflets u materjal ieħor apparti milli ser jagħtuna persentaġġ fuq il-muniti li jinbiegħu f'din l-attivita'. Is-Sindku nforma lill-membri li Onor. Jose Herrera nforma lill-Kunsill sabiex napplikaw mar-Responsible Gaming Foundation sabiex ninagħtaw €1000 mill-fond li għandhom allokat għall-attivitajiet. Is-Sindku kompla billi qal li fit-2 ta'Ġunju il-Kunsill għandu wkoll laqgħa ma Farsons fuq din l-attivita'.

3.8 Minuta 4.1- Is-Sindku qal lill-membri lis-Sinjura Rose Sammut ma ħassitiex komda li tkun nominata minħabba l-fatt li hi tagħti l-għajnuna tagħha lin-nies vulnerabbli mingħajr l-ebda daqq ta' trombi.

**Laqgħa 38/19**

3.9 Is-Sur Horace Anastasi irrimarka li hu telaq waqt 38 laqgħa bi protesta minħabba li ma qabilx ma dak li kien intqal ftit qabel.

**4 Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikat li l-kunsill irċieva mingħand is-Sinjorina Melanie-Jo Mangani sabiex jintuża l-bini tal-Kunsill Lokali ghall-filming tad-drama fuq ONE TV . Is-Sindku rrefera li din il-korrispondenza kienet diġà intbagħtet lill-membri kollha u peress li kien hemm min ma qabilx ma din it-talba huwa ħass li għandha titella'fil-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona din it-talba u kien ssekondat mill-Viċi Sindku is-Sur Jonathan Brimmer. Is-Sindku nforma lis-Sur Jason Mangani li hu ma jistax jivvota u lanqas jipparteċipa f'din id-diskussjoni minħabba kunflitt ta' interess.

Intant wara diskussjoni s-Sindku ressaq għall-votazzjoni din it-talba fejn tlieta (3) mill-membri vvutaw favur Stephen Sultana, Jonathan Brimmer u Silvio Vella filwaqt li tlett (3) membri vvutaw kontra Elizabeth Vella, Horace Anastasi u Darren Carabott. F'dan il-każ peress li l-votazzjoni spiċċat indaws is-Sindku kif mitlub mill-liġi għamel użu mill-casting vot u vvota favur din it-talba.

Għaldaqstant din it-talba għaddiet bil-casting vote.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri li rċivejna kommunikazzjoni minn Transport Malta sabiex issir Loading/Unloading Bay fi Triq il-Kappillan Mifsud fil-viċinanzi ta' Triq Omnibus minħabba l-fatt li hemm sitt ħwienet apparti li l-ħanut ta' Cassar Trading ser jiċċaqlaq u sejjer fi Triq il-Kappillan Mifsud. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill jiriserva d-dritt li jneħħieha jekk jidħlu l-ilmenti.

Is-Sindku rrimarka li fi Triq il-Kanun fejn kien hemm ir-reserved tal-banka tal-Maltco ser titneħħa u minflok ser issir *loading/unloading* bay ftit aktar l-isfel mill-istess bay.

Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn li napplikaw ukoll sabiex issir *loading/unloading bay* fi Triq il-Ferrovija quddiem il-ħanut "The Resin and Membrane Centre. F'dan il-każ hemm ġustifikazzjoni meta wieħed jikkunsidra it-toqol tal-materjal li qed jinħatt kuljum.

Il-Membri qablu unanimament.

**6 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

6.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**7 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 687 sa lment numru 705.

| | |
|---|---|
| 687 | Koptasin |
| 688 | Azzjoni ttieħdet |
| 689 | Contract Manager |
| 690 | Trid issir mis-Sid li għamel il-binja |
| 691 | Contract Manager |
| 692 | Micamed |
| 693 | Logografix |
| 694 | Haddiema Assejnati |
| 695 | Trid issir mill-Gvern Centrali |
| 696 | Azzjoni ttieħdet |
| 697 | Azzjoni ttieħdet |
| 698 | Contract Manager |
| 699 | Azzjoni ttieħdet |
| 700 | Inkelmu lil min għamel l-ilment biex jgħidilna fejn ezatt peress lit-triq hija kollha garaxxijiet |
| 701 | Contract Manager |
| 702 | Azzjoni ttieħdet |

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

| | |
|---|---|
| 703 | Tintbagħat Ittra lill-MITA |
| 704 | Transport Malta |
| 705 | Koptasin |

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġew ippreżentati l-minuti tat-tmien (8) laqgħa tas-sotto Kumitat tal-Kultura u l-Wirt Storiku liema laqgħa saret fi Frar, 2015.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku informa lill-membri li wasal iż-żmien li l-Kunsill jibdel it-tabella li għandna tal-Kunsill u għaldaqstant għandna żewġ kwotazzjonijiet mingħand The fotografer €176 u Logografix €700.

B'mod unanimu ġie deċiz ~~li tinxtaradeċiż~~ li tinxtara mingħand The fotografer.

9.2 Is-Sindku informa lill-membri dwar komunikat li l-kunsill irċieva mingħand TCTC sabiex bħal kull sena jiġu organizzati l-korsijiet tal-iKids. Is-Sindku qal li dawn ser isiru mingħajr flus u l-kunsill irid iħallas għall-pubbliċita.

Il-Membri qablu unanimament.

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 22/06/2015